Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►C1 **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/389/PESK**

tas-16 ta' Lulju 2012

dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ◄

(ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/367/PESK tad-9 ta' Lulju 2013	L 189	12	10.7.2013
►M2	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/660/PESK tal-15 ta' Novembru 2013	L 306	17	16.11.2013
►M3	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/485/PESK tat-22 ta' Lulju 2014	L 217	39	23.7.2014
►M4	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/726/PESK tal-20 ta' Ottubru 2014	L 301	29	21.10.2014
►M5	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1793 tas-6 ta' Ottubru 2015	L 260	30	7.10.2015
►M6	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2275 tas-7 ta' Diċembru 2015	L 322	50	8.12.2015
►M7	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2240 tat-12 ta' Diċembru 2016	L 337	18	13.12.2016
►M8	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/349 tas-27 ta' Frar 2017	L 50	80	28.2.2017
►M9	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/226 tal-15 ta' Frar 2018	L 43	15	16.2.2018
►M10	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1942 tal-10 ta' Diċembru 2018	L 314	56	11.12.2018
►M11	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/663 tat-18 ta' Mejju 2020	L 157	1	19.5.2020
►M12	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2031 tal-10 ta' Diċembru 2020	L 419	26	11.12.2020

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 29, 3.2.2017, p. 69 (2016/2240)

▼B
▼C1

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/389/PESK

tas-16 ta' Lulju 2012

dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)

▼M7

Artikolu 1

Il-Missjoni

L-Unjoni b'dan tistabbilixxi Missjoni ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalja).

▼M12

Artikolu 2

Dikjarazzjoni tal-Missjoni

1. L-EUCAP Somalja għandha tassisti lis-Somalja fit-tisħiħ tal-kapaċità tas-sigurtà marittima tagħha sabiex din tkun tista' tinforza b'mod aktar effettiv il-liġi marittima.

2. Barra minn hekk, l-EUCAP Somalia għandha tassisti lis-Somalja fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-pulizija tagħha sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Tranżizzjoni Somalu għat-trasferiment tar-responsabbiltajiet ta' sigurtà lill-awtoritajiet Somali.

Artikolu 3

Objettivi u Kompiti

1. Sabiex titwettaq id-Dikjarazzjoni tal-Missjoni kif tinsab fl-Artikolu 2, l-EUCAP Somalja għandha:

(a) issaħħaħ il-kapaċità Somala ta' infurzar tal-liġi marittima ċivili sabiex hija teżerċita governanza marittima effettiva tal-kosta, tal-ilmijiet interni, tal-baħar territorjali u taż-żona ekonomika esklużiva tagħha;

(b) tirrinforza l-kapaċità Somala biex twettaq spezzjonijiet tas-sajd u infurzar, tiżgura l-funzjoni ta' tiftix u salvataġġ fuq il-baħar, tiġġieled il-kuntrabandu, tiġġieled il-piraterija u tagħmel għassa taż-żona kostali mill-art u mill-baħar;

(c) issaħħaħ il-kapaċità tal-Ministeru tas-Sigurtà Interna u tas-servizzi tal-pulizija Somala biex jimplimentaw il-Pjan ta' Tranżizzjoni Somalu għat-trasferiment tar-responsabbiltajiet ta' sigurtà lill-awtoritajiet Somali.

2. Biex tikseb dawn l-objettivi, l-EUCAP Somalia għandha tappoġġa lill-awtoritajiet Somali fl-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni meħtieġa u fl-istabbiliment ta' awtoritajiet ġudizzjarji billi:

(a) tipprovdi l-mentoraġġ, il-konsulenza, it-taħriġ u t-tagħmir meħtieġa għall-entitajiet Somali tal-infurzar tal-liġi marittima ċivili;

(b) tipprovdi pariri u mentoraġġ, kif fattibbli, dwar il-politika, il-kmand, il-kontroll u l-koordinazzjoni, kif ukoll tipprovdi sostenn u tagħmir għall-proġetti, lill-Ministeru għas-Sigurtà Interna u s-servizzi tal-pulizija Somala b'appoġġ għal inizjattivi mill-Unjoni u s-sħab internazzjonali.

▼M12

3. Biex tikseb dawn l-objettivi, l-EUCAP Somalia għandha topera skont il-linji ta' operat u l-kompiti stipulati fid-dokumenti ta' ppjanar operazzjonali approvati mill-Kunsill.

4. L-EUCAP Somalja ma għandha twettaq l-ebda funzjoni eżekuttiva.

▼B

Artikolu 4

Katina ta' kmand u struttura

1. ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandu jkollha katina ta' kmand unifikata bħala operazzjoni ta' ġestjoni tal-kriżi.

▼M3

2. ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha tkun strutturata f'konformità mad-dokumenti tal-ippjanar tagħha.

_____

▼B

Artikolu 5

Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) għandu jkun il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għall-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄.

2. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u l-awtorità ġenerali tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ fil-livell strateġiku.

3. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jassigura, fir-rigward tat-tmexxija tal-operazzjonijiet, l-implimentazzjoni kif suppost u effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll tad-deċiżjonijiet tal-KPS, inkluż permezz tal-ħruġ ta' istruzzjonijiet fil-livell strateġiku kif meħtieġ lill-Kap tal-Missjoni u jipprovdilu konsulenza u appoġġ tekniku.

4. Iċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tal-UE attivat bid-Deċiżjoni 2012/173/PESK għandu jipprovdi appoġġ dirett lill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għall-ippjanar u t-tmexxija operattivi tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄.

5. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill tar-RGħ.

6. Il-persunal sekondat kollu għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat li ssekondah skont ir-regoli nazzjonali, tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operattiv (OPCON) tal-persunal, gruppi u unitajiet tagħhom lill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

7. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jkollu responsabbiltà ġenerali biex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza tal-Unjoni jiġi attwat korrettament.

8. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili, ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (RSUE) u l-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-reġjun għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

▼B

Artikolu 6

Kap tal-Missjoni

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jassumi responsabbilità u jeżerċita kmand u kontroll ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ fil-post u għandu jkun direttament responsabbli lejn il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

▼M3

1a. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun ir-rappreżentant tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ fiż-żona tal-azzjonijiet tagħha. Il-Kap tal-Missjoni jista' jiddelega kompiti ta' ġestjoni fi kwistjonijiet ta' persunal u kwistjonijiet finanzjarji lill-membri tal-persunal ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tiegħu/tagħha.

▼B

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-persunal, gruppi u unitajiet mill-Istati kontribwenti kif assenjati mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili flimkien mar-responsabbiltà amministrattiva u loġistika inkluża fuq l-assi, ir-riżorsi u l-informazzjoni mqiegħdin għad-dispożizzjoni tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-persunal kollu ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għat-tmexxija effettiva tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ fil-post, jassumi l-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha, u jsegwi l-istruzzjonijiet fil-livell strateġiku tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

▼M3

_____

▼B

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinari fuq il-persunal. Għall-persunal sekondat, l-azzjoni dixxiplinarja għandha tiġi eżerċitata mill-awtorità nazzjonali skont ir-regoli nazzjonali, mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew mis-SEAE.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrappreżenta lill-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ fiż-żona tal-operazzjonijiet u għandu jiżgura l-viżibbiltà adatta ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄.

7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina, kif adatt, ma' atturi oħrajn tal-Unjoni fuq il-post. Il-Kap tal-Missjoni għandu, mingħajr preġudizzju għal linja ta' kmand, jirċievi gwida politika lokali mir-RSUE, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-reġjun.

▼M3

_____

▼B

Artikolu 7

Persunal

1. L-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha tikkonsisti primarjament minn persunal issekondat mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew is-SEAE. Kull Stat Membru, jew istituzzjoni tal-Unjoni, jew is-SEAE għandha terfa' l-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe persunal issekondat minnha, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-post tal-iskjerament, is-salarji, il-kopertura medika u l-allokazzjonijiet minbarra allokazzjonijiet applikabbli ta' kuljum.

2. L-Istat, jew l-istituzzjoni tal-UE, jew is-SEAE li tkun issekondat membru tal-persunal għandha tkun responsabbli biex twieġeb għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mas-sekondar, mill-membru tal-persunal jew dwaru, u biex tieħu kwalunkwe azzjoni kontra l-persuna sekondata.

▼B

3. Persunal internazzjonali u lokali jista' wkoll jiġi rreklutat mill-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ fuq bażi kuntrattwali jekk il-funzjonijiet meħtieġa ma jkunux provduti minn persunal sekondat mill-Istati Membri. Eċċezzjonalment, u f'każijiet debitament ġustifikati, fejn ma jkun hemm disponibbli l-ebda applikazzjoni kwalifikata mill-Istati Membri, ċittadini minn Stati terzi parteċipanti jistgħu jiġu reklutati fuq bażi kuntrattwali, skont il-każ.

▼M3

4. Il-kondizzjonijiet tal-impjieg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti li għandhom jiġu konklużi bejn il-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ u l-membru tal-persunal ikkonċernat.

▼B

Artikolu 8

Status ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ u tal-persunal tiegħu

L-istatus tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ u tal-persunal tagħha, inkluż fejn adatt il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħrajn meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla xkiel ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim konklużż skont l-Artikolu 37 TUE u konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 9

Kontroll politiku u direzzjoni strateġika

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għal dan il-għan konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 TUE. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat sabiex jinħatar Kap tal-Missjoni, fuq proposta mir-RGħ, u sabiex jiġu emendati l-Kunċett tal-Operazzjonijiet (CONOPS) u l-Pjan tal-Operazzjoni (OPLAN). Is-setgħat tad-deċiżjoni fir-rigward tal-objettivi u t-terminazzjoni tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu jirċievi, fuq bażi regolari u kif meħtieġ, rapporti mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma tar-responsabbiltà tagħhom.

Artikolu 10

Parteċipazzjoni ta' Stati terzi

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-qafas istituzzjonali uniku tagħha, Stati terzi jistgħu jiġu mistiedna biex jikkontribwixxu għall-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, sakemm dawn jerfgħu l-ispejjeż tal-persunal issekondat minnhom, inklużi s-salarji, l-assigurazzjoni li tkopri r-riskji kollha, l-allokazzjonijiet ta' sostenn ta' kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-post ta' skjerament, u sakemm dawn jikkontribwixxu għall-ispejjeż operattivi tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, kif meħtieġ.

▼B

2. L-Istati terzi li jikkontribwixxu għall-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' ġestjoni ta' kuljum ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ bħall-Istati Membri.

3. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribuzzjonijiet proposti u sabiex jistabbilixxi Kumitat ta' Kontributuri.

4. L-arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu koperti minn ftehimiet konklużi konformement mal-Artikolu 37 TUE u arranġamenti tekniċi addizzjonali kif meħtieġ. Fejn l-Unjoni u Stat terz jikkonkludu ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dak l-Istat terz f'operazzjonijiet tal-Unjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest tal-EUCAO NESTOR.

Artikolu 11

Sigurtà

1. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jmexxi l-ippjanar ta' miżuri tas-sigurtà tal-Kap tal-Missjoni u jiżgura l-implimentazzjoni tajba u effettiva minn ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ konformement mal-Artikolu 5.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għas-sigurtà tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ u sabiex jiżgura konformità ma' rekwiżiti minimi ta' sigurtà applikabbli għall-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, konformement mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-TUE, u mad-dokumenti li jappoġġawha.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċjal Għoli tas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO), li għandu jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib mas-SEAE.

4. Il-persunal tal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandu jingħata taħriġ obbligatorju ta' sigurtà qabel ma jibda dmirijietu, f'konformità mal-OPLAN. Huwa għandu jingħata wkoll taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post organizzat mill-SMSO.

▼M3

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([1]).

▼B

Artikolu 12

Kapaċità tal-Għassa

Il-Kapaċità tal-Għassa għandha tiġi attivata għall-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1.).

▼M3

Artikolu 12a

Arranġamenti legali

►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha l-kapaċità li takkwista servizzi u provvisti, tikkonkludi kuntratti u arranġamenti amministrattivi, timpjega persunal, jkollha kontijiet bankarji, takkwista u tiddisponi mill-assi, tħallas l-obbligazzjonijiet tagħha, u li tkun parti għal proċeduri legali, kif meħtieġ sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni.

Artikolu 13

Arranġamenti Finanzjarji

▼M6

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għall-perijodu mis-16 ta' Lulju 2012 sal-15 ta' Novembru 2013 għandu jkun ta' EUR 22 880 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għall-perijodu mis-16 ta' Novembru 2013 sal-15 ta' Ottubru 2014 għandu jkun ta' EUR 11 950 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għall-perijodu mis-16 ta' Ottubru 2014 sal-15 ta' Diċembru 2015 għandu jkun ta' EUR 17 900 000.

▼M7

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Somalja għall-perijodu mis-16 ta' Diċembru 2015 sat-28 ta' Frar 2017 għandu jkun ta' EUR 12 000 000.

▼M8

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Somalia għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2017 sat-28 ta' Frar 2018 għandu jkun ta' EUR 22 950 000.

▼M9

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Somalia għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018 għandu jkun ta' EUR 27 335 900.

▼M11

L-ammont ta’ referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Somalia għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2019 sal-31 ta’ Diċembru 2020 għandu jkun ta’ EUR 71 189 005,32.

▼M12

L-ammont ta’ referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Somalia għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2022 għandu jkun ta’ EUR 87 780 000.

▼M5

2. In-nefqa kollha għandha tiġi amministrata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist mill-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha tkun miftuħa mingħajr limitazzjonijiet. Barra minn hekk, m'għandha tapplika l-ebda regola ta' oriġini għall-prodotti mixtrija mill-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄.

▼M3

3. ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha. Għal dan il-għan, ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha tiffirma ftehim mal-Kummissjoni.

4. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-istatus ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ u l-persunal tagħha, ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe pretensjoni u obbligi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-mandat li jibda mis-16 ta' Lulju 2014, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe pretensjoni relatata ma' mġiba ħażina ħafna mill-Kap tal-Missjoni, li għalihom il-Kap tal-Missjoni għandu jġorr ir-responsabbiltà.

5. L-implimentazzjoni tal-arranġamenti finanzjarji għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand kif previst fl-Artikoli 4, 5 u 6 u r-rekwiżiti operazzjonali tal-missjoni ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, inkluż il-kompatibbiltà tat-tagħmir u l-interoperabbiltà tat-timijiet tagħha.

6. In-nefqa għandha tkun eliġibbli mis-16 ta' Lulju 2012.

Artikolu 13a

Ċellula ta' proġetti

1. ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandu jkollha Ċellula ta' Proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti. ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha, kif meħtieġ, tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi konsulenza dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u l-Istati terzi taħt ir-responsabbiltà tagħhom, f'oqsma relatati mal-►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ u b'appoġġ tal-objettivi tagħha.

2. ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha tkun awtorizzata li tuża l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew ta' Stati terzi għall-implimentazzjoni ta' proġetti identifikati bħala li jissupplimentaw lil azzjonijiet oħra ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ b'mod konsistenti, jekk il-proġett ikun:

(a) previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja relatata ma' din id-Deċiżjoni; jew

(b) integrat matul il-mandat permezz ta' emenda għad-dikjarazzjoni finanzjarja fuq talba tal-Kap tal-Missjoni.

►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ għandha tikkonkludi arranġament ma' dawk l-Istati, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi għat-trattament ta' kull ilment minn partijiet terzi dwar ħsara kkawżata minħabba atti jew ommissjonijiet minn ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati. L-Istati Membri li jikkontribwixxu ma jistgħu f'ebda ċirkostanza jżommu lill-Unjoni jew lir-RGħ responsabbli għal atti jew ommissjonijiet minn ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

3. Il-KPS għandu jaqbel dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istati terzi għaċ-Ċellula ta' Proġetti.

▼B

Artikolu 14

Konsistenza tar-rispons u l-koordinazzjoni tal-Unjoni

1. Ir-RGħ għandha tiżgura l-konsistenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-intier tagħha inkluż, il-programmi ta' żvilupp tal-UE.

2. Mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jaġixxi f'koordinazzjoni mill-qrib mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-reġjun sabiex jiżgura l-konsistenza tal-azzjoni tal-Unjoni fir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika.

▼B

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-Reġjun.

▼M12

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoopera mal-atturi internazzjonali l-oħra fir-reġjun, b'mod partikolari l-Uffiċċju Politiku tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) għas-Somalja, l-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità, il-Programm ta' Żvilupp tan-NU, INTERPOL u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina mill-qrib ma' Atalanta, il-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea sabiex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà Somali (EUTM Somalia) u l-programmi ta' assistenza rilevanti tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 15

Rilaxx ta' informazzjoni u ta' dokumenti

1. Ir-RGħ għandha tkun awtorizzata tirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni, skont il-każ u skont il-ħtiġijiet ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" li jiġu ġenerati għall-finijiet ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, konformement mad-►M3 Deċiżjoni 2013/488/UE ◄.

2. Ir-RGħ għandha tkun awtorizzata tirrilaxxa lin-NU u lill-Unjoni Afrikana (UA), u skont il-ħtiġijiet operattivi ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" ġenerata għall-finijiet ta' ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, konformement mad-►M3 Deċiżjoni 2013/488/UE ◄. L-arranġamenti bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tan-NU u l-UA għandhom jitfasslu għal dan il-għan.

3. Fil-każ ta' ħtieġa operattiva speċifika u immedjata, ir-RGħ għandha tkun awtorizzata wkoll tirrilaxxa lill-Istat ospitanti kwalunkwe informazzjoni tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" ġenerata għall-finijiet ta'►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄, f'konformità mad-►M3 Deċiżjoni 2013/488/UE ◄. L-arranġamenti bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti għandhom jitfasslu għal dan il-għan.

4. Ir-RGħ hija awtorizzata tirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni kwalunkwe dokument mhux klassifikat tal-UE relatati mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar ►M7 ►C1 EUCAP Somalia ◄ ◄ u li jkunu koperti mill-obbligu ta' segretezza professjonali konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([1]).

5. Ir-RGħ jista' jiddelega s-setgħat imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4, kif ukoll il-kapaċità li jikkonkludi l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 lil persuni li jinsabu taħt l-awtorità tiegħu/tagħha, lill-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili u/jew lill-Kap tal-Missjoni.

([1]) Id-Deċizjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

▼B

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ u perijodu ta' validità

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

▼M12

Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2022.